# Żmien il-Franċiżi - Il-Vilel ta' Agostino Formosa De Fremaux Fiż-Żejtun (1798 - 1800)

*Kitba tal-Kan. Joe Abela*

- *Agostino Formosa de Fremaux ħadem biex il-Franċiżi jieħdu Malta.*
- *Fir-rewwixta kontra l-Franċiżi, iż-Żwieten inqdew bil-bini tiegħu fiż-Żejtun.*
- *Rabta bejn Mikiel Anton Vassalli u l-familja de fremaux.*
- *Kien biss fl-1885 li Villa de Fremaux fi Triq Marsaxlokk saret Villa Arrigo.*

Fix-xahar ta' Ġunju 1798, il-Franċiżi taħt Napuljun Bonaparti keċċew minn Malta l-Kavallieri ta' San Ġwann. Napuljun innifsu dam Malta biss sitt' ijiem, iżda ħalla warajh, meta hu telaq lejn l-Eġittu, numru kbir ta' suldati taħt il-Ġeneral Vaubois. F'Settembru ta' l-istess sena, wara li l-Franċiżi bdew jisirqu t-teżori mill-knejjes tal-Maltin, dawn qamu f'rewwixta twila u qalila kontra tagħhom. F'din ir-rewwixta l-Maltin kienu megħjunin mit-truppi Naplitani u Ngliżi, li diġa' kienu fi ġwerra mal-Franċiżi. It-truppi Ngliżi, taħt General Graham, żbarkaw f'Marsaxlokk, u malajr waqqfu l-kwartieri tagħhom fiż-Żejtun u l-viċinanzi.

**Erba' sptarijiet fl-inħawi taż-Żejtun.**

L-Ingliżi talbu liż-Żejtuni Mikiel Cachia, wieħed mill-mexxejja tal-Maltin, isibilhom dar kbira fiż-Żejtun biex isservi ta' sptar għas-suldati Ngliżi feruti. Iżda l-ġlied kontra l-Franċiżi tant kien qalil u mdemmi, illi fl-inħawi taż-Żejtun biss, kellhom jintużaw mhux anqas minn tlieta jew erba' postijiet kbar bħala sptarijiet, mhux għall-Ingliżi biss iżda għall-Maltin u n-Naplitani wkoll. Barra ż-żmien ta' ġwerra kien ukoll żmien ta' ħafna mard. Barra mill-knisja l-qadima ta' San Girgor fiż-Żejtun u l-villa ta' l-Isqof Vincenzo Labini fl-inħawi Ta' Xjolxja bejn iż-Żejtun u Ħaż-Żabbar, Mikiel Cachia għażel ukoll iż-żewġ vilel tal-Konti Agostino Formosa de Fremaux fiż-Żejtun, waħda fi Triq Ħal Tarxien u l-oħra, illum Villa Arrigo, fi Triq Marsaxlokk. Biss jien għandi dubju ċkejken jekk intużawx, it-tnejn bħala sptar. Fl-isptar ta' San Girgor, li kien iservi għall-Maltin, ħadem ħafna iż-Żejtuni l-ieħor, Klement Bonnici, li saħansitra kien ukoll strumentali biex il-Maltin jirċievu għajnuna siewja minn Napli fil-bidu tar-rewwixta.

**Min kien il-Konti Agostino Formosa de Fremaux? De Fremaux kien Mażun u Ġakbin**

Agostino de Fremaux kien 'nobbli' bit-titlu ta' Santa Sofia, iżda la nafu meta ngħata u minn min it-titlu ta' konti. Lanqas nafu kif u għaliex beda jżid il-kunjom "de Fremaux" ma' "Formosa". Fis-sena 1761 fi żmien il-Gran Mastru Pinto ġie nominat sotto-tenente fil-lingwa ta' Kastilja. Fl-1767 hu żżewweġ lil Paolica Mamo. Missieru kien ċertu Federico Antonio Formosa, li la kien iġib 'de Fremaux" ma' kunjomu u lanqas kellu t-titlu ta' Konti! Jidher li l-kunjom "de Fremaux" hu ta' oriġini Franċiża. Sfortunatament Agostino kien imċappas bil-mażunerija u ismu jissemma spiss f'wieħed mid-dokumenti ta' l-Inkwiżizzjoni, "Processo Lante" tal-1776. Fi żmien il-Gran Mastru Pinto u de Rohan il-mażunerija xterdet ġmielha fost il-Kavallieri Franċiżi u n-nobbli Maltin. Fil-fatt de Framaux kien ilu attiv fil-mażunerija sa mis-sena 1756. Is-sabiħa hi li hu kellu iben li kien qassis, Dun Formoso Formosa de Fremaux. De Rohan, li wkoll kellu xi konnessjoni mal-mażunerija, innomina lil de Fremaux Konslu tar-Russja, il-Belġju u l-Prussja. Meta l-Franċiżi ġew Malta fl-1798, fi żmien il-Gran Mastru Hompesch, de Fremaux kien Konslu tal-Olanda. Barra minn hekk kellu wkoll simpatija mal-Franċiżi u kien jikkollabora mal-Ġakbini, dawk il-Maltin



Id-dar tal-Konti Agostino Formosa de Fremaux fi Triq M'Xlokk.

li kienu qegħdin jikkomplottaw biex il-Kavallieri jitkeċċew minn Malta u flokhom jiġu l-Franċiżi. Meta deher ċar li l-Franċiżi kienu waslu biex jieħdu Malta, il-Ġakbini Maltin iddeċidew li jibgħatu delegazzjoni għand Hompesch biex iħajjruh jitlob armistizju, u riedu li jmur de Fremaux għand il-Gran Mastru b'dan is-suġġeriment. De Fremaux beża jinvolvi ruħu żżejjed u ġieb l-iskuża li bħala Konslu ta' pajjiżi barranin ma riedx jidħol fil-kwistjoni. Ukoll meta Hompesch iddeċieda li jitlob armistizju, hu ried li jkun de Fremaux li jieħu t-talba għand Napuljun, peress li de Fremaux kien Konslu ta' pajjiż newtrali, iżda għat-tieni darba de Fremaux rrifjuta, bl-iskuża li hu kien anzjan u ma jiflaħx, u allura bagħat lil Melan, is-segretarju tiegħu. Il-Balliju de la Tour du Pin, Kmandant tas-swar tal-Kottonera, kiteb ċar u tond li de Fremaux kien Ġakbin.

**Il-Villa fi Triq Ħal Tarxien**

Illum il-villa kbira u sabiħa li de Fremaux kellu fi Triq Ħal Tarxien tinsab maqsuma f'numru ta' djar, okkupati minn diversi familji, u tant sarilha tibdil fil-konstruzzjoni tagħha matul is-snin, li bilkemm għadha tingħaraf. Iżda jekk wieħed iħares lejn il-faċċata tagħha b'attenzjoni, speċjalment lejn is-sular ta' fuq, malajr jinduna kemm kienet arkitettonikament dar sabiħa u mponenti. Żgur li l-Maltin, fi żmien ir-rewwixta daħlu f'din id-dar u għamlu ħsara kbira, forsi bil-mibegħda kbira li kellhom lejn il-propretarju de Fremaux li kien żamm mal-Franċiżi, u li issa kienu qegħdin joqtlu lill-Maltin. Hu probabbli li wara din id-dar ġiet issigillata.

**Il-Villa l-oħra ta' de Fremaux fi Triq Marsaxlokk.**

Dan l-aħħar ġie ppubblikat studju minn Ms. Lola Sammut dwar il-villa llum imsejħa Villa Arrigo fi Triq Marsaxlokk, u li dari kienet it-tieni dar ta' de Fremaux fiż-Żejtun. Meta l-Kaptan Vivion, li kien Assistant Quarter Master General tat-truppi Ngliżi f'Malta, kiteb fis-17 ta' Lulju 1799 lil Mikiel Cachia biex malajr isib dar kbira fiż-Żejtun biex isservi ta' sptar, hu qallu biex iħaffef kemm jista' jkun u jara li l-okkupanti tad-dar li jsiblu ifittxu jitilqu minn din id-dar. Dun Manwel Ricaud, qassis li kien joqgħod fiż-Żejtun u li kien jissimpatizza ma' l-Ingliżi, kiteb li Mikiel Cachia kien sab id-dar ta' Agostino Formosa de Fremaux. Jidher li din id-dar sofriet ħafna ħsara fiż-żmien li kienet użata bħala sptar. Fl-24 ta' Lulju 1834, Ricaud, flimkien ma' tnejn oħra, iddikjara li l-Konti Agostino u l-Kontessa Donna Paola Formosa de Fremaux kienu sofrew ħafna telf meta fiż-Żejtun iż-żewġ djar



Id-dar tal-Konti Agostino Formosa de Fremaux fi Triq Ħal Tarxien.

tagħhom tas-sajf, forniti b'kollox, kienu ġew rekwiżizzjonati, mod speċjali d-dar li kienet serviet bħala sptar għat-truppi Ngliżi u Maltin. Ħafna mill-ħitan ta' ġewwa kienu twaqqgħu biex il-kmamar jitkabbru fi swali, filwaqt li l-ġonna tad-dar kienu saru ħerba shiħa.

**L-Ingliżi jwebbsu rashom kontra de Fremaux.**

Fir-rapport tiegħu li kiteb fit-3 ta' Awissu 1835, dwar il-ħsarat li saru f'din il-villa, Mikiel Cachia kkalkula li saru b'905 skudi spejjeż - somma konsiderevoli. Hu mbagħad jagħti d-dettalji tat-tiswijiet li jridu jsiru. B'hekk jagħtina deskrizzjoni tal-villa nnifisha. Isemmi l-bitħa kbira, il-loġġa, il-bjar, is-siġar taċ-ċitru, l-kmamar kbar, is-sala spazjuża, il-kċina, il-kappella, l-alkovi ecc. L-Ingliżi ma riedux jirrikonoxxu t-titlu ta' Konti li kellu de Fremaux u allura hu telaq barra minn Malta. Il-villa mbagħad imbiegħet lil Saverio Diacono għal 1000 skud. Kien biss fis-sena 1885 li nxtrat mill-familja Arrigo. Madankollu de Fremaux ġie lura Malta u ż-Żwieten għamlu żmien jirrakkuntaw stejjer fuqu, fosthom li hu kien ġie misruq mis-seftura stess. Fil-Knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq fejn Agostino ġie midfun naraw monument lil martu l-Kontessa Paola de Fremaux meta din mietet nhar it-22 ta' Diċembru 1802 fl-eta' ta' 61 sena.

Fl-idejat tiegħu favur il-Franċiżi, Agostino Formosa de Fremaux kien jaqbel mal-patrijott Malti Mikiel Anton Vassalli, li kien intbagħat il-ħabs mill-Gran Mastru. Barra minn hekk Vassalli kien miżżewweġ fil-familja de Fremaux, lil Katarina de Fremaux. Minkejja mela l-ħajja wisq kontroversjali tiegħu - il-mażunerija u l-ġakbiniżmu - Agostino Formosa de Fremaux kellu sehem ġmielu f'perjodu mill-aktar memorabbli ta' l-Istorja taż-Żejtun.